MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2006

Numru 445/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ROMINA VENEZIANI**

**VS**

**JOHN PAUL CALLEJA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra John Paul Calleja, ta' 45 sena, bin Michael Vincent u Felicity k/a Joy nee' Pisasni, imwieled tal-Pieta' nhar it-22 ta' Dicembru, 1960, residenti gewwa l-fond numru 232, Flat 1, Belgravia Court, Triq it-Torri, Sliema, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 11361 (m);

Akkuzat tali nhar it-Tlieta, 9 ta' Mejju, 2006, ghall-habta ta' 11:00 ta' fil-ghaxija, gewwa Triq Windsor, Sliema, seraq kaxxa tal-ittri ghad-dannu ta' Maltapost, liema kaxxa tiswa

izjed minnn Lm100.00 (mitt lira maltin), u dan *ai termini* tal-Artikoli 261 (b)(c)(f), 263, 267, u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamel hsara fuq il-kaxxa tal-ittri li tinsab gewwa Triq Windsor, proprjeta' ta' Maltapost, liema hsara hija ta' aktar minn Lm50.00 (hamsin lira maltin), kif ukoll ghamel hsara li taqbez il-Lm500.00 (hames mitt lira maltin) fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GVP 513, ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, u dan bi ksur tal-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta;

U kif ukoll talli xjentement, jew b'negligenza, nuqqas ta' hila jew ta' osservanza ta' regolamenti, ikkaguna dannu lil jew qered proprjeta' kulturali u cioe' kaxxa li jingabru fiha l-ittri, sew jekk tali proprjeta' kulturali tkun sew jekk ma tkunx registrata f'xi inventarju skond l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, u dan bi ksur tal-Artikolu 53 (1) (a) tal-Kapitolu 445 tal-Ligijiet ta' Malta;

U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, u fil-granet ta' qabel, xjentement xtara jew laqa' ghandu oggetti misruqa li l-valur taghhom jaccedi l-mitt lira maltin ) Lm100.00, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor li jkunu ndahlu biex ibieghuhom, jew imexxuhom, u dan bi ksur tal-Arikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat, fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri wara li ngahta zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Wara li semghet lill-Ufficjal Prosekutur tiddikjara li l-imputat ibbliga ruhi li jaghmel tajjeb ghall-hsarat li kkawza.

Ikkunsidrat:

Illi wara l-Artikolu 261 (b)(c)(f), 263, 267, 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta;

L-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
L-Artikolu 53(1)(a) tal-Kapitolu 445 tal-Ligijiet ta’ Malta;
U kif ukoll l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat id-dokumenti esebiti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qort qiegheda ssib lill-imsemmi mputat John Paul Calleja hati tal- akkuzi migjuba kontrieh u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------